MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 318/2007

**A B**

**-vs-**

**C D**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-1 ta’ Awissu 2007 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu għall-kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti permezz ta’ digriet numru ___/__JA;

Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni extra maritali ma’ l-intimat C D u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

Illi r-relazzjoni tal-partijiet ilha li ntemmet irrevokabbilment sa minn Marzu 2006;

Illi l-minuri jirrisjedi ma' l-omm b'dana illi l-missier għandu aċċess regolat;

Illi l-intimat C D jirrifjuta li jħallas manteniment adegwat għal minuri u fl-aħħar xhur beda jħallas is-somma redikola ta' erbgħin lira fix-xahar (Lm40), iżda kien hemm każi fejn iddeċieda li jħallas biss is-somma ta' tmien liri fix-xahar (Lm8);

Illi jiġi rilevat illi l-intimat huwa *interior designer* mal-kumpanija _________________ minn fejn jipperċepixxi medja ta' erba' mija u ħamsin lira (Lm450) fix-xahar;

Illi r-rikorrent hija diżokkupata u ma għandha ebda introjtu fiss għajr l-assistenza soċjali;

Illi *inoltre* l-intimat jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu u għalhekk ma għandux spejjeż sinjifikanti għajr il-ħruġ ta' tmiem il-ġimgħa;

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn ir-rikorrenti u dan fl-interess suprem ta' l-istess minuri;

2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti retta alimentari għall-minuri E D, ta' Lm120 fix-xahar, liema ammont għandu jinqata' mis-salarju ta' l-intimat u jitħallas direttament lir-rikorrent;

3. Tordna li l-ispejjeż mediċi u edukattivi jkunu a karigu esklussiv ta' l-intimat;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-2 ta’ Novembru 2007 li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi dwar l-ewwel talba, huwa jsib oġġezzjoni u dan għax fl-interess suprem ta’ ibnu minuri huwa jħoss li l-kura u l-kustodja għandha tkun waħda konġunta. Illi għandu jingħad li l-missier dejjem wera interess fil-ħajja ta’ ibnu u dejjem kien hemm meta ġew meħuda deċiżjonijiet rigward il-ħajja u s-saħħa tat-tifel u kienet tkun biss ir-rikorrenti li tonqos milli tinfurmah rigward xi jkun qed jiġri fil-ħajja tal-minuri. Illi jirrileva illi hu dejjem ried li jkollu aċċess adegwat għal ibnu u qatt ma naqas milli jagħmel dan meta ingħata l-aċċess. Ta’ min jirrileva wkoll li għall-ewwel sena u seba’ xhur ta’ ħajtu, il-minuri kien jgħix flimkien mal-ġenituri tiegħu għand in-nanniet paterni. Illi l-intimat jaqbel li l-minuri għandu jkun jirrisjedi ma’ l-omm b’dan illi hu jkollu aċċess adegwat għal minuri fejn ikun anki jista’ jraqqdu miegħu matul il-*weekend*.

2. Illi rigward it-tieni talba huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jgħaddi manteniment għal ibnu minuri b’dan pero’ illi r-retta alimentari li tiġi ffissata tkun tirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ u senjatament l-introjtu taż-żewġ partijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja ta’ l-intimat hekk kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-każ. Illi l-intimat jipperċepixxi ferm inqas minn Lm450 fix-xahar u barra minn dan huwa għandu l-ispejjeż personali tiegħu fosthom *loan* il-bank kif ukoll pagament mensili lill-ġenituri tiegħu biex ikopri l-ispejjeż minħabba li hu jirrisjedi magħhom. Illi sfortunatament, minn Jannar 2008 mhux se jkun possibli li dan jibqa’ jaħdem bħala *‘full timer’* imma se jkollu jaqleb għal *‘part timer’* u dan minħabba li l-kumpanija ma’ min jaħdem naqsilha x-xogħol u għaldaqstant m’għandhiex bżonn iktar il-pożizzjoni tiegħu *‘full time’*. Barra minn dan, ir-rikorrenti tirċievi wkoll ċ-*children’s allowance.* Dan se jiġi ppruvat iktar ’il quddiem waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-każ.

3. Illi rigward it-tielet talba, huwa jsib oġġezzjoni u dan għax kemm l-ispejjeż edukattivi kif ukoll dawk mediċi għandhom ikunu a karigu taż-żewġ partijiet u mhux biss

ta' l-intimat. Illi pero' l-intimat jirrileva li rigward il-visti mediċi li t-tifel ikollu bżonn dawn isiru bla ebda spejjeż u dan minħabba li l-kuġina ta' l-istess intimat hija tabiba tat-tfal u hi dejjem invistat lill-minuri mingħajr l-ebda ħlas.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet ix-xhieda u rat l-affidavits;

Rat l-atti proċesswali kompriżi d-digrieti tagħha stess;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ingħad l-attriċi qed titlob li tingħata l-kura u kustodja tal-minuri msemmija. Il-partijiet kif jidher mill-atti imsemmija kellhom relazzjoni li minnha twieled il-minuri msemmi, pero' la ftehmu fuq il-kura u kustodja u lanqas fuq il-manteniment.

Ma hemmx dubju għall-Qorti li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li jibqa' fil-kura u kustodja ta' l-attriċi kif ġia' deċiż b'digriet ta' din il-Qorti. It-talba tal-konvenut li jkun hemm kura u kustodja konġunta m'hijiex fl-aħjar interess tal-minuri meta jkun hemm nuqqas ta' qbil daqstant lampanti.

Fir-rigward ta' l-aċċess il-Qorti se testendi b'sagħtejn il-ħinijiet li jkollu l-konvenut u huwa desiderabbli li aktar ma jikber il-minuri li jkun hemm aċċess aktar ampju dejjem jekk il-konvenut iżomm kelmtu u ma jerġax jaqa' fil-użanzi koroh (ta' esperimenti bi drogi) li jidher li kellu meta kien iżgħar.

Għal dak li hu manteniment il-Qorti wkoll se żżid bi ftit l-ammont għal 220 Euro minflok 200 Euro b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009 biex jitnaqqsu l-ewkivoċi.
**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi u dan billi taffida l-kura u l-kustodja tal-minri E D f'idejn l-attriċi bil-konvenut ikollu aċċess kull nhar ta' Sibt bejn l-10:00 a.m. sas-2:00 p.m; tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment fis-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) fix-xahar li jkunu jkopru l-ispejjeż kollha neċessarji għall-minuri iżda jekk dan ikun jinkorri spejjeż ta' *fees* ta' skejjel u trasport għall-iskola, il-konvenut ikun tenut iħallas nofs l-ammonti in kwistjoni; l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------